**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta sitta (6) ta' Mejju 2025

Kawża Nru 7/2023

**Il-Pulizija**

***(Supretendent Bernard Charles Spiteri)***

**Vs**

**John Buttigieg**

## A. Preliminari

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **John Buttigieg**, iben Joseph u Concetta Buttigieg nee' Borg, imwieled Rabat, Għawdex fit-tlieta (3) ta' Settembru

1993 u residenti numru tlettax (13), Triq Ġanni Vella, Qala, Għawdex detentur tal-karta tal-identita' numru 29793(G) talli nhar l-ewwel (1) ta' Jannar 2023, f'xi ħin bejn is-siegħa neqsin kwart ta' filgħodu (00:45hrs) u s-siegħa ta' filgħodu (01:00hrs) ġewwa Pjazza Indipendenza u/jew fil-viċinanzi fir-Rabat Għawdex:

(1) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nathaniel Camilleri, hekk kif iċċertifika Dr. Nicholas Vella M.D. Reg. No 4297 mill-Isptar Ġenerali t' Għawdex;[1]

(2) aktar talli fl-istess lok, ħin, data u ċirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.[2]

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Nathaniel Camilleri u dan ai termini tal-artikoli 382A u 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba illi minn issa tipprovdi għall-garanzija ta' Nathaniel Camilleri skont l-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali datata tmintax (18) ta' Jannar 2024[3] li permezz tagħha huwa bagħat lill-akkużat John Buttigieg biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

---

[1] Artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Fol. 129 tal-atti proċesswali.

(i) Fl-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(ii) Fl-Artikoli 7, 338(dd) u 341 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(iii) Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(iv) Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat li waqt is-seduta tal-ewwel (1) ta’ Marzu 2024 ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fit-tmintax (18) ta’ Jannar 2024 u f’dik l-istess seduta, l-akkużat iddikjara li ma kellux oġġeżżjoni sabiex il-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar id-dsatax (19) ta’ Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta’ Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, lill-parte civile u lid-difiża jiddikjaraw fis-seduta tal-ewwel (1) ta’ Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa’ tisma’ mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti;

Rat ix-xhieda kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni quddiem din il-Qorti;

Semgħet lill-akkużat jixhed minn jeddu u b’mod volontarju;

Rat ix-xhieda u l-provi kollha miġbura fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Nathaniel Camilleri*** (Każ Numru 176/2023) liema kawża instemgħet kontestwalment mal-kawża odjerna u liema xhieda u provi l-partijiet qablu li għandhom jgħoddu wkoll għal din il-kawża;[4]

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Rat li din il-kawża tħalliet illum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

In suċċint il-fatti tal-każ huma s-segwenti:

Nhar l-ewwel (1) ta’ Jannar 2023 Nathaniel Camilleri rraporta li għall-ħabta tas-siegħa ta’ filgħodu (01:00hrs) waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ewwel tas-Sena li kienu qegħdin isiru fi Pjazza Indipendenza fir-Rabat, Għawdex, huwa kien

[4] Ara verbal tas-seduta tal-ewwel (1) ta’ Marzu 2024, fol. 136 tal-proċess kif wkoll verbal tas-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Ottubru 2024.

safa aggredit mill-akkużat John Buttigieg. Din l-aggressjoni seħħet fil-presenza tat-tfajla tiegħu Maria Mizzi u ommha Ivana Mizzi.

Nathaniel Camilleri ddeskriva kif Buttigieg kien mar minn warajh u tah daqqa ta' ponn fuq spalltu. Hekk kif Camilleri dar, hu ra lill-akkużat. Minkejja li l-parte civile qal lill-akkużat biex ikompli sejjer, Buttigieg tefagħlu tazza mimlija xorb u tah daqqa ta' ponn ġo wiċċu. Il-parte civile ħareġ idejh biex jiddefendi lilu inniffsu anke għaliex ma kienx qed jara bix-xorb li intefa' f'għajnejh. F'dan il-punt l-akkużat ġibed lil Camilleri minn idejh ix-xellugija u t-tnejn waqgħu fl-art. Waqt li kien mal-art Camilleri ħass lil xi ħadd jaqbdu minn għonqu u li kien qed jipprova jifgah. Camilleri sussegwentement identifika din il-persuna bħala l-għarusa tal-akkużat. Minn hemm Camilleri baqa' sejjer l-Għassa tal-Pulizija biex jagħmel ir-rapport. Peress li kien muġugħ, huwa ittieħed l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn irriżulta li spalltu kienet ġiet żlugata minn postha. Dawn il-ġrieħi ġew klassifikati bħala li kienu gravi.

Il-Pulizija bagħtet għal John Buttigieg fejn dan wara li ngħata d-drittijiet legali tiegħu u rrifjuta li jkun assistit minn Avukat, stqarr li dakinhar tal-akkadut hu kien mal-għarusa tiegħu fi Pjazza Indipendenza. F'ħin minnhom ġiet rassa u spiċċa ġie mbuttat għal fuq Nathaniel Camilleri. Camilleri beda jkellmu ħażin u l-akkużat kellmu ħażin lura. Kien propju f'dak il-mument li xi ħadd xeħet *drink* fid-direzzjoni tal-akkużat. L-akkużat ikkonferma li d-*drink* ma nxetħitx minn Camilleri. B'reazzjoni għal dan, l-akkużat xeħet il-kontenut tat-tazza li kellhu f'idu fid-direzzjoni ta' Camilleri u allegatament Camilleri tah daqqa ta' ponn ġo wiċċhu. Mad-daqqa, l-akkużat sostna li huwa tilef il-bilanċ u waqa'. L-istint tal-akkużat kien li dak il-ħin iżomm ma' Camilleri sabiex jevita li jaqa'. Buttigieg spiċċa ġibed miegħu lil Camilleri bil-konsegwenza li t-tnejn spiċċaw

mal-art. Fl-istess stqarrija l-akkużat kompla jgħid li dak li ġara ma kienx intenzjonat u skuża ruħu għall-akkadut. L-akkużat ġie ċertifikat minn Dr. Ivan Micallef M.D. li kien sofra feriti ta' natura ħafifa.

Ikkunsidrat:

La darba qegħdin f'forum penali, jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li hija tressaq l-aħjar prova sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-akkużat ireġġgħu. Dwar l-oneru tal-prova li l-Prosekuzzjoni trid tilħaq, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Muscat***[5] fejn ġie ikkunsidrat li:

> *"Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat huma veri u dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:- "Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*
>
> *Jingħad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innoċenza tiegħu, iżda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha sal-grad li trid il-liġi u ċioe' beyond reasonable doubt.*
>
> *Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali, li biex l-akkużat jiġi ddikjarat ħati, l-*

[5] Deċiża fil-ħdax (11) ta' April, 2017 – Każ Numru 455/13/.

*akkużi dedotti, għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġjonevoli, ċioe' oltre kull dubju dettat mir-raġuni.*

*Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgħa (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit** et' u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex l-imputat jiġi ddikjarat liberat, hemm bżonn li 'dubju jkun dak dettat mir-raġuni.' Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-ħamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer**', dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ 'Miller vs Minister of Pension' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a*

> *man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Minn eżami tal-atti proċesswali huwa ċar li din il-Qorti qiegħda tiġi rinfaċċjata b' żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin rigward dak li seħħ bejn il-partijiet. Min-naħa hemm il-verżjoni tal-akkużat li jinnega kategorikament illi huwa volontarjament beda l-ġlieda filwaqt li min-naħa l-oħra hemm il-parte civile li jinsisti li huwa ġie aggredit mill-akkużat.

Illi hu prinċipju stabbilit li l-fatt li hemm verżjonijiet kunflinġenti ma jfissirx b'mod awtomatiku li l-Qorti għandha sempliċiment tiddisponi minn dan il-każ billi tirrileva li hemm kunflitt tal-provi u konsegwentament tgħaddi sabiex tillibera. Il-Qorti hija obbligata li tevalwa x-xhieda biex tara liema mill-verżjonijiet hija l-aktar kredibbli u tara jekk abbażi tax-xhieda li tirriżulta l-aktar kredibbli tistax tasal għal xi dikjarazzjoni ta' ħtija jew le.

Għalhekk l-ewwel ħaġa li trid tagħmel din il-Qorti f'dan il-każ huwa li tistabilixxi d-dinaminka ta' kif effettivament seħħ l-inċident. Dan qabel ma tgħaddi biex tidħol fid-dettal tal-imputazzjonijiet li ġew ċitati mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju. Sfortunatament, għalkemm il-Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħha ippruvat tistabilixxi jekk dan l-inċident partikolari kienx ġie maqbud minn xi cameras tas-sigurta, irriżulta li l-inċident in kwistjoni seħħ barra miz-zoni li kienu qegħdin jinkwadraw il-cameras li kien hemm fl-inħawi. Għalhekk il-Qorti sabiex tasal għall-konklużjoni dwar kif seħħ l-inċident sejjer jkollha toqgħod fuq ix-xhieda tal-partijiet infushom

flimkien max-xhieda mogħtija mill-persuni li raw l-inċident iseħħ quddiemhom. Dan biex anke tasal għall-konklużjoni dwar minn mill-partijiet kien kredibbli f'dak li qal.

Il-Qorti eżaminat fid-dettal ix-xhieda li ingħatat u tqis li l-verżjoni mogħtija mill-parte civile Nathaniel Camilleri għandha aktar mis-sewwa milli mill-verżjoni mogħtija mill-akkużat John Buttigieg. Nathaniel Camilleri spjega kif hu kien qiegħed mas-sieħba tiegħu Maria Mizzi. Xi ħadd mar minn warajh u imbuttah. Hekk kif dar huwa sab lil John Buttigieg ma' wiċċu. Camilleri qallu biex jibqa' sejjer iżda Buttigieg tefa' d-drink li kellu f'idejh ġo wiċċ Camilleri u segwa dan kollu b'daqqa ta' ponn f'wiċċ l-istess Camilleri. Camilleri ipprova jiddefendi ruħu billi ħareġ idejh biex ma jkomplix ilaqqat. F'dan il-punt Buttigieg ġibed b'saħħa l-idejn ix-xellugija ta' Camilleri u t-tnejn spiċċaw fl-art. Bil-ġibda Camilleri soffra l-ġrieħi fi spalltu.

Il-Qorti wasslet sabiex tattribwixxi kredibbilita lill-verżjoni ta' Nathaniel Camilleri abbażi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) Nathaniel Camilleri mar mill-ewwel jagħmel ir-rapport fl-Għassa tal-Pulizija u lill-Pulizija tahom b'mod immedjat il-verżjoni tiegħu dwar kif kien seħħ l-inċident. Informa wkoll lill-Pulizija li kien hemm cameras tac-CCTV li setgħu possibilment qabdu l-inċident li kien seħħ u anke mar mal-Pulizija fuq il-post biex jidentifika l-cameras li seta' kien hemm. Saru anke talbiet minnu bil-miktub f'dan is-sens.[6] Li kieku effettivament Camilleri kellu x'jaħbi ma kienx sejjer joqgħod jieħu l-isbriga biex jassikura ruħu li l-Pulizija tara li televa l-filmati tas-CCTV li jista' jkun hemm;

[6] Ara Dokumenti esebiti bħala Dokumenti NC 1 sa NC 3 a fol. 121 et seq tal-proċess.

(b) John Buttigieg jgħid li huwa spiċċa imbuttat għal fuq Nathaniel Camilleri intortament minħabba r-rassa tan-nies. Jekk verament dan kien il-każ, wieħed jistaqsi għalfejn Buttigieg ma skużax ruħu għal dak li kien seħħ u ma kompliex sejjer kif *del resto* anke kien għamillu s-sinjal Camilleri biex jagħmel. Dan biex ma jingħadx wkoll li l-Qorti issibha inverosimili kif minn pjazza nies li kien hemm l-akkużat spiċċa ġie imbuttat għal fuq Nathaniel Camilleri li kien ilu ma jkellem ħames (5) snin u li fil-ġimgħat ta' qabel jidher li l-akkużat kien saqsa għalih ma' terzi!

(c) il-verżjoni li ta Buttigieg – għajr sa ċertu punt għal parti mix-xhieda ta' Naomi Watson li l-Qorti lanqas ma tqis li hija kredibbli għal raġunijiet oħra li sejrin jiġu spjegati aktar 'l quddiem f'din is-sentenza – ma ssibx riskontru fix-xhieda okulari li xehdu f'dawn il-proċeduri. Maria Mizzi tinsisti li ma kien hemm ħadd li imbotta lil John Buttigieg għal fuq Nathaniel Camilleri. In kontro-eżami tispeċifika kif hija kienet qed tħares lejn id-direzzjoni minn fejn kien ġej John Buttigieg. Ix-xhud tuża dan il-kliem speċifiku waqt it-tweġibiet li hija kienet qiegħda tagħti lil-legali tal-istess akkużat: ***"u rajtu ġej u rajtu immarkah lil, lil …. Jien lil John rajtu jara lil Nathaniel**."*[7] (Enfażi tal-Qorti). Tant hu hekk li din ix-xhud kienet se tgħid lil Nathaniel li kien qed jersaq John lejhom iżda ma kellhiex ċans tgħidlu. Din ix-xhud għalhekk qiegħda teskludi li John seta' ġie imbuttat minn terzi għal fuq Nathaniel. Qiegħda teskludi wkoll li ma kienet xejn kumbinazzjoni li Buttigieg iltaqa' ma' Camilleri iżda li x'aktarx Buttigieg kien rah u kien mexa fid-direzzjoni ta' Camilleri;

[7] Fol. 45 tal-proċess.

(d) għalkemm wieħed jista’ jargumenta li x-xhud Maria Mizzi bħala t-tfalja ta’ Nathaniel Camilleri kellha interess li tiġbed il-ħabel tas-sieħeb tagħha, jibqa’ l-fatt li xhud ieħor Gabriella Micallef – xhud indipendenti u li kienet taf liż-żewġ partijiet involuti – tikkonferma kif dak il-ħin qabel ma seħħ l-inċident *de quo “ma kienx hemm ħafna ħafna rassa.”*[8] Speċifikat wkoll mingħajr l-ebda esitazzjoni ta’ xejn li fl-ebda ħin ma rat lil John jiġi imbuttat minn xi ħadd qabel ma huwa tefa’ d-drink. Il-Qorti diversament preseduta ikkummentat hekk dwar il-mossi li kienet qed tagħmel din ix-xhud fuq il-pedana tax-xhieda hija u tispjega x’kien seħħ fis-sekondi qabel ma inxteħet id-drink: *“Ix-xhud qed tindika persuna bil-wieqfa twaddab oġġett. Ma ratux jaqa’”;*[9]

(e) waqt ix-xhieda li huwa ta quddiem din il-Qorti diversament preseduta, John Buttigieg f’ħin minnhom jgħid li huwa laqqat daqqa ta’ ponn minn Camilleri li waslitu jilef il-bilanċ, jaqa’ u jiġbed lil Camilleri miegħu. Ftit sekondi wara jgħid li Camilleri kemm kemm laqtu f’wiċċu. Mela allura d-daqqa ma setgħetx kienet waħda daqstant qawwija li waslitu biex jitlef il-bilanċ jekk fil-verita Camilleri kemm kemm laqtu:

> *“Ix-xhud: Qabad ikellemni ħażin dan, bla raġuni ta’ xejn, għidtlu, ‘issa billi qed tkellemni ħażin! Jien. Xi ħadd tefagħli drink minn warajh, ma kienx hu imma xi ħadd kien warajh, tefgħuli drink, u jiena l-iżball li għamilt kelli tazza bil-coca f’idejja, tfajthielu lura. X’ħin ġara hekk, qlajt daqqa ta’ ponn jien…*

[8] Fol. 62 tal-proċess.
[9] Fol. 63 tal-proċess.

*Dr Mario Scerri: mingħand min ?*

*Ix-xhud: Mingħand Nathaniel Camilleri. Kif qlajt id-daqqa ta' ponn, tlift il-bilanċ u l-istint jgħidlek trid tipprova żżomm biex ma taqax jew tilqa', u qbadt miegħu, u qbadt miegħu għax kien quddiemi hekk, u ġbitu miegħi, u waqajna t-tnejn mal-art. Kif waqajna mal-art ġew in-nies u firduna mill-ewwel, ħames sekondi kollox.*

*Dr Mario Scerri: Inti sofrejt xi ġrieħi f'dan l-inċident ?*

*Ix-xhud: Jiena kulma kelli għax kemm kemm laqatni hawnhekk f'wiċċi u kelli girfa fuq għonqi. U kont insejt ngħid lill-Pulizija, imma ħalliha, kelli ġiżirana ntilfet dak il-ħin, imma ma kontx għidtilhom lill-pulizija, ma qgħadtx…"*[10]

(f) il-Qorti tqis li l-verżjoni lil tat Naomi Watson, l-eks tfalja tal-akkużat, lanqas m'għandha mis-sewwa. Fl-ewwel lok tgħid li d-drink li xeħet l-eks partner tagħha John Buttigieg ma kien indirizzat lejn ħadd. Dan meta l-istess John Buttigieg inniffsu jistqarr b'mod speċifiku li d-drink kien indirizzat lejn Nathaniel Camilleri. Fit-tieni lok din il-Qorti assolutament ma tqisx verosimili d-dikjarazzjoni ta' Watson li hekk kif rat lil Nathaniel sejjer jagħti daqqa lil John hija ma komplietx tħares biex tara x'se jiġri iżda

[10] Fol.158 tal-proċess.

sempliċiment qabdet u dawwret wiċċha naħa oħra u imbagħad li tiftakar biss huwa li rat liż-żewġt irġiel mal-art;

(g) għalkemm John Buttigieg jiċħad li dak li kellu fit-tazza – u li huwa stess ammetta li tefa' – kien alkoħol, kemm Nathaniel Camilleri u Maria Mizzi kif wkoll Gabriella Micallef, jagħmluha ċara li dak li intefa' kien alkoħol. Camilleri saħansitra speċifika x'tip ta' drink kien – jack daniel's coke. Interessanti wkoll kif fix-xhieda li Buttigieg ta quddiem din il-Qorti diversament preseduta huwa ħass il-bżonn li jispeċifika kif dak li kellu fit-tazza kien "Coca Cola" mentri lill-Pulizija fil-mument li ta l-istqarrija l-għada li seħħ l-inċident ma speċifikalhomx li l-kontenut fit-tazza tiegħu kien sempliċi Coca Cola. Huwa interessanti wkoll kif fl-istqarrija tiegħu Buttigieg ħass il-bżonn li jirrimarka li t-tfajla tiegħu kienet laqtet daqqa u kellha tbenġila fuq daharha u fl-istess ħin nesa jinforma lill-Pulizija li riżultat tal-inċident huwa kien tilef ġiżirana u semmieha imbagħad biss x'ħin ta x-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri;

(h) John Buttigieg jistqarr li huwa tefa' d-drink biex jirritalja għal drink ieħor li kien intefa' minn xi ħadd ieħor, liema drink l-istess Buttigieg jammetti li ma kienx Camilleri li tefgħu. Jgħid biss li dan ġie minn wara Camilleri. Madanakollu l-ebda xhud minn dawk li kienu viċin Camilleri ma jindikaw li intefgħu żewġ drinks. Ivana Mizzi, Maria Mizzi u Gabriella Micallef kollha jinsistu li l-uniku drink li intefa' kien dak li intefa' minn John Buttigieg u ħadd aktar;

(i) ir-rapport kontra Nathaniel Camilleri, John Buttigieg għamlu biss wara li kien ġiet mitkellem mill-Pulizija fuq dan il-każ. Infatti l-ewwel itteħditlu l-

istqarrija fit-tnejn (2) ta' Jannar 2023 fl-għaxra neqsin għaxra ta' filgħodu (09:50hrs)[11] u imbagħad wara mar il-Poliklinika għaċ-ċertifikat. Infatti ċ-ċertifikat mediku relattiv għall-allegati ġrieħi tiegħu ħareġ f'nofsinhar neqsin tnax -il minuta tat-tnejn (2) ta' Jannar 2023;[12]

(j) Nathaniel Camilleri – anke kif jirriżulta mir-ritratti li ġew esebiti kellu nefħa f'wiċċu – li hija kompatibbli ma' daqqa fil-wiċċ. Buttigieg ma ppreżenta l-ebda ritratti li jindikaw il-ġrieħi li huwa qal li soffra riżultat tal-aggressjoni ta' Camilleri. Seta' faċilment ħa ritratti ta' dawn il-ġrieħi, x'ħin huwa mar il-Poliklinika biex jagħmel ċ-ċertifikat mediku. Bħala infermier seta' jissupponi li dawn il-ġrieħi ma kinux se jibqgħu jidhru wara ftit tal-ġranet u jekk tabilħaqq huwa kien il-vittma f'dan il-każ kellu kull interess li juri kif hu kien spiċċa l-vittma f'dan il-każ u x'kien effettivament ġralu;

(k) L-espert mediku nominat minn din il-Qorti Mr Alec Sultana meta xehed fuq talba tad-difiża eskluda li l-iżlugar li soffra l-parte civile fi spalltu kienet riżultat ta' sempliċi waqgħa. Infatti jispjega li rari tkun kawża ta' waqa'. Jgħid *"iżjed hija xi ħaġa li jekk xi ħadd jiġbdek u jdawwarlek idejh minn wara u jiġbidlek idejk minn wara."*[13] Camilleri, kif ġia rilevat aktar qabel, spjega li huwa ħass l-uġiegħ x'ħin inġibed minn idu minn Buttigieg u imbagħad hu u Buttigieg spiċċaw fl-art.

Għall-Qorti għalhekk huwa ċar li għal din l-aggressjoni jaħti unikament u esklussivament John Buttigieg u l-ġrieħi li soffra Nathaniel Camilleri fuq il-persuna tiegħu ġew kaġunati volontarjament mill-istess John Buttigieg.

[11] Ara stqarrija a fol. 30 tal-proċess.
[12] Ara ċertifikat a fol. 59 tal-proċess.
[13] Fol. 170. Xhieda ta' Mr Alec Sultana mogħtija fis-7 ta' Mejju 2024 fuq talba tad-difiża.

Stabbilita d-dinamika tal-inċident, il-Qorti trid issa tgħaddi biex tara jekk ir-reati indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju jirriżultawx mill-provi li ġew prodotti.

**B. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar l-Imputazzjonijiet</u>**

**I. <u>Ir-Reat taħt l-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Ewwel Imputazzjoni)</u>**

Minn dak li ġie rilevat aktar kmieni f'din is-sentenza huwa ċar li l-iżlugar li soffra fi spalltu l-parte civile kien riżultat dirett tal-azzjoni tal-akkużat John Buttigieg. Camilleri spjega li fil-mument li huwa ġie miġbud minn idu qabel ma t-tnejn waqgħu fl-att, huwa ħass uġiegħ fi spalltu. Jonqos għalhekk li jiġi stabbilit jekk il-feriti sofferti mill-parte civile jistgħux jiġu klassifikati bħala gravi jew le.

Il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet ***<u>Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi</u>***[14] kienet irrimarkat is-segwenti rigward il-klassifikazzjoni tal-ġrieħi:

> *"Il-kwistjoni ta' jekk offiża hiex waħda ħafifa u ta' importanza zgħira, ħafifa, gravi jew gravissima hi waħda ta' fatt u għalhekk rimessa għall-ġudikant tal-fatt (fil-każ ta' ġuri, għalhekk, rimessa f'idejn il-ġurati; fil-każ odjern rimessa f'idejn il-ġudikant tal-ewwel grad…). Ma hix,*

[14] Deċiża fit-tletin (30) ta' Lulju, 2004 – Każ Numru 193/2003/.

*għalhekk, kwistjoni, li tiddependi neċessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bħala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistgħu joffru l-opinjoni tagħhom dwar, fost affarijiet oħra, kif setgħet ġiet ikkaġunata dik l-offiża, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu ġew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbagħad għall-ġudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib iżda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura tal-offiża".*

Sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha, il-Qorti tqis li ta' rilevanza f'dan ir-rigward hija x-xhieda mogħtija mill-espert nominat minnha. Mr Sultana jispjega kif wara li seħħ l-inċident, il-parte civile kellu jagħmel tlett (3) ġimgħat bl-*isling* u imbagħad kellu jkompli bit-terapija. Saħansitra kien neċessarju wkoll li jsir MRI in vista tal-problemi fil-mobilita li l-parte civile kellu fi spalltu. Dan biex jiġi eskluż li ma kellux xi muscle imċarrat. Speċifika li l-ġrieħi li kellu l-parte civile kienu jieħdu bejn xahrejn u tlett xhur sabiex ifiequ u kien għalhekk li huwa ikklassifika l-ġrieħi bħala gravi per durata. Ikkjarifika wkoll li qatt qabel il-parte civile ma kellu joints slugati u dan kien l-ewwel incident ta' dan it-tip li huwa kellu. Eskluda li kien hemm ħsara permanenti u fil-fatt speċifika kif il-parte civile għamel *a full recovery*.[15]

Abbażi tal-konklużjonijiet raġġunti mill-espert mediku tagħha – liema konklużjonijiet il-Qorti m'għandhiex raġuni legali għalfejn għandha tiskartahom – il-ġrieħi li ġew sofferti mill-parte civile għandhom għalhekk jiġu

[15] Fol. 101 tal-proċess.

klassifikati bħala gravi fit-termini tal-artikolu 216 tal-Kap. 9 iżda mhux gravi fit-termini tal-artikolu 218 tal-istess Kap. 9.

Fid-dawl tal-premess għalhekk l-ewwel (1) imputazzjoni tirriżulta.

**II. <u>Ir-Reat taħt l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (It-Tieni Imputazzjoni)</u>**

B'riferenza għal din it-tieni imputazzjoni, id-difiża fis-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru 2024 eċċepiet il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 688(f) tal-Kap. 9.

Din il-Qorti tirrileva li la darba dan kien wieħed mir-reati kontravvenzjonali identifikati fl-artikolu 338 tal-Kap. 9, l-akkużat kellu jiġi notifikat bl-akkużi entro t-terminu ta' tlett (3) xhur mid-data tar-reat.

Mill-atti proċesswali[16] jirriżulta li l-akkużat ġie notifikat biċ-ċitazzjoni nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' April 2023. Il-każ seħħ fl-ewwel (1) ta' Jannar 2023 u għalhekk meta ġiet notifikat bl-akkużi, din l-imputazzjoni kienet ġia ġiet preskritta. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex tiddikjara l-proċediment estint fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni.

**C. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Għalkemm l-akkużat huwa *a first time offender* (għaliex kundanna oħra preċedenti li kellu kienet ġiet revokata fl-appell), din il-Qorti ma tistax

[16] Fol. 188 tal-proċess.

tinjora d-dinamika ta' kif seħħ l-inċident *de quo.* Kien effettivament l-akkużat li bl-aġir irresponsabbli tiegħu ippreċipita dan l-inċident u anke ikkaġġuna feriti gravi fuq il-persuna tal-parte civile, liema feriti ħadu numru ta' ġimgħat biex fiequ. Dan kollu sar wkoll f'okkażżjoni li suppost kellha tkun ta' ferħ u divertiment għal kullħadd – il-festi tal-Ewwel tas-Sena – meta l-parte civile kien qiegħed għall-affari tiegħu mas-sieħba tiegħu u l-membri tal-familja tagħha jgawdu ċ-ċelebrazzjonijiet li kienu qegħdin isiru.

Għalkemm il-Qorti mhux sejra timponi piena ta' ħabs effettiv, xorta temmen li għandha tingħata twissija serja lill-akkużat li dawn l-affarijiet ma jsirux u li huwa għandu jerfa' r-responsabbilitajiet kollha ta' għemilu.

**D. <u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(a) qiegħda tiddikjara **<u>l-proċediment estint fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni</u>** stante li l-azzjoni kriminali relattiva għal din l-imputazzjoni hija preskritta;

(b) wara li rat l-artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda issib lill-akkużat **<u>ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u qiegħda tikkundannah għal tmintax (18) -il xahar priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed jiġi sospiż għal żmien tlett (3) snin mil-lum.</u>**

A tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 jekk huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Wara li rat l-artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u peress li jeżistu r-raġunijiet indikati fl-artikolu 412C(1) tal-Kap. 9 il-Qorti qed toħroġ ordni ta' trażżin fil-konfront tal-ħati u dan sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-vittma Nathaniel Camilleri. L-ordni qed tiġi magħmula għal żmien tlett (3) snin mil-lum taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment ma' din is-sentenza. Il-Qorti fehmet lill-ħati bil-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw jekk huwa jikser tali ordni tat-trażżin.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tordna lill-ħati sabiex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ammont ta' **tlett mija u ħamsin ewro (€ 350)** rappreżentanti l-ispejjeż peritali inkorsi[17] f'dawn il-proċeduri u dan fi żmien tlett (3) xhur mil-lum.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

[17] Mr Alec Sultana - € 350 (Fol. 104 tal-proċess).